IEQAF U AĦSEB



# KRISTU U L-MEWT:
## Riflessjoni ta' San Efrem, djaknu

Il-mewt għaddiet minn fuq il-Mulej, iżda mbagħad hu għadda minn fuqha, qisha minn fuq triq. Hu qagħad għall-mewt u ġarrabha għax ried, biex iġibha fix-xejn, mingħajr ma hi riedet dan.

Il-Mulej ħareġ mgħobbi bis-salib,<br>għax hekk riedet il-mewt,<br>iżda minn fuq is-salib il-Mulej għajjat għajta kbira<br>u ħareġ il-mejtin mill-oqbra,<br>għalkemm dan il-mewt ma riditux.

Il-mewt qatlet il-Mulej fil-ġisem li kellu, iżda b'dan l-istess ġisem rebaħ il-mewt. Il-Mulej, bin-natura tiegħu ta' Alla moħbija fin-natura tiegħu ta' bniedem, resaq lejn il-mewt li qatlitu, iżda mbagħad ġiet hi stess maqtula: il-mewt qatlet il-ħajja ta' bniedem tal-Mulej, u hu qatel il-mewt bil-ħajja tiegħu ta' Alla.

Il-mewt ma setgħetx taħtaf il-Mulej li kieku ma kellux ġisem, u lanqas l-imwiet ma kien jista' jibilgħu li kieku ma kienx bniedem: għalhekk hu niżel fi ħdan Verġni, u minnha ħa l-mirkeb li wasslu għall-imwiet. Daħal fl-imwiet fil-ġisem li ħa, farrak it-teżori tal-imwiet u xerred ġidhom.

Wasal ħdejn Eva, omm il-ħajjin kollha. Eva hija d-dielja, li l-ħajt tas-sejjieħ li kien idawwarha ħattitu l-mewt b'idejn Eva stess, biex idduq il-frott tagħha, u hekk minn omm il-ħajjin kollha saret għajn ta' mewt għalihom ilkoll.

Warrdet Marija, id-dielja l-ġdida li ħadet il-post tad-dielja l-oħra, il-qadima; fiha għammar Kristu, il-ħajja l-ġdida, biex meta l-mewt tersaq bħas-soltu qalbha qawwija biex taħtaf, issib, moħbija fil-frott li jintemm, il-ħajja li ttemm il-mewt. ...

L-Iben magħruf tal-mastrudaxxa, dak li refa' s-salib tiegħu 'l fuq mill-imwiet li jibla' kollox, wassal lill-bnedmin f'dar il-ħajja. Il-bniedem kien daħal f'dar l-imwiet permezz ta' siġra oħra, is-siġra tas-salib, jerġa' jidħol f'dar il-ħajja: is-siġra li kienet tlaqqmet b'fergħa ta' ħlewwa, biex aħna nistgħu nagħrfu 'l Dak li ebda ħliqa ma tista' tiqaflu.

***Glorja lilek li b'salibek għamilt pont fuq il-mewt<br>biex minn fuqu l-erwieħ jgħaddu minn dell il-mewt għal dawl il-ħajja.***





PARROĊĊA TA' ĦAL SAFI

# KONVERŻJONI TA' SAN PAWL

Tel: 21 649 223



*Messaġġ tal-Kappillan*

# GĦALLIMNA NGĦODDU JIEM ĦAJJITNA, SABIEX AĦNA NIMXU BIL-GĦAQAL
## - Salm 90 (89), 12 -

Novembru jġibna wiċċ imb'wiċċ ma' realtà dejjem preżenti fil-ħajja tagħna imma li nippreferu ma nsemmuhiex jew saħansitra ninsew: il-mewt. Ġieli nisimgħu min jgħid: *'Għandu jkun dan jaħseb li mhu se jmut qatt!'* meta naraw lil xi ħadd jiġbed kemm jiflaħ lejh innifsu u ma jagħti kas ta' ħadd iktar; min ikun moħħu biss biex irekken, xi drabi anke b'dannu għal ħaddieħor. Ħafna drabi tassew inġibu ruħna b'dan il-mod, qisha l-mewt tiġi fuq kulħadd imma mhux fuqna. Dan ma jfissirx li noqogħdu naħsbu l-ħin kollu fuq il-mewt għax inkella nagħmlu ħajjitna miżerja; lanqas ma jfisser li nżommu xi ras ta' mewt ħdejn rasna, fuq il-komodina, imma li f'dak li nagħmlu, inkunu mmexxija mill-ħsieb li xi darba għad irridu nħallu kollox warajna, li ta' din id-dinja għad jispiċċa u li għad irridu nagħtu kont lil Alla ta' għemilna.

***Ma tħares lejn wiċċ ħadd***

Ftit xhur ilu, eżattament nhar it-13 ta' Awwissu 2019, mietet Nadia Toffa, preżentatriċi ta' *Le Iene*, wieħed mill-programmi investigattivi fl-Italja. Nadia kellha biss 40 sena. Kienet tfajla ferriħija, storbjuża, mimlija enerġija pożittiva u determinata fix-xogħol tagħha.

Ftit inqas minn sentejn qabel, Nadia kien ħassha ħażin fuq ix-xogħol u skopriet li kellha tumur. Bħal kulħadd, hija kienet tibża' titkellem dwaru sa' ma' darba ndunat li dan kien parti minnha u li jekk riedet tissielet biex tibqa' ħajja, kellha tibda ssejjaħlu b'ismu; fil-filfatt hekk bdiet tagħmel. Kienet tgħid: *"Issa din hi l-ġlieda tiegħi u jien mhux se nċedi."* Fl-istess waqt, qatt ma ħbiet ir-realtà ta' kemm hi iebsa l-kemjoterapija u li ma kienet tixtieqha lil ħadd, lanqas lill-ikbar għadu tagħha.

Meta l-marda tagħha ppermettitilha li terġa' tibda tidher fil-pubbliku, tat diversi intervisti li wrew x'tip ta' mara kienet tassew Nadia. Darba qalet: *"Kulħadd jibża' mill-kanċer. Kull darba li mmorru għal viżta, ikollna qalbna ġo ħalqna sa ma nirċievi r-riżultat u tgħidx kemm nitolbu."* F'intervista oħra qalet: *"Alla mhux kattiv. Naħseb li jpoġġi quddiemna sfidi li kapaċi naffrontaw. Din li l-isfida tiegħi. Nista' ma nirbaħhiex imma l-importanti hu li jien inkun għamilt ħilti kollha. Li nibqa' niġġieled, dejjem. Għall-bidu kont nistaqsi: "Għax propju jien? Għax ejja ngħidu kollox: Min irid il-kanċer? Hija aħbar kerha mmens. Imbagħad bdilt din il-mistoqsija tiegħi u bdejt ngħid: Għax mhux jien? Id-dinja mimlija tfal li jmutu mal-ewwel jum tagħhom fid-dinja. Aħseb fit-tbatija ta' dawk il-ġenituri. Din hi t-tbatija tiegħi u jien irrid ngħixha."*

***Imma aħna jirnexxilna inħarsu lejha?***

Nadia kienet itella' posts regolari fuq Facebook u kellha iktar minn żewġ miljuni li jsegwuha fuq Instagram. Kien hemm min ma kienx jaqbel magħha dwar dan imma għal Nadia, din kienet saret missjoni li hija wettqet ma' dawk bħalha li kienu qed ibatu. Ħafna li kienu jkunu għaddejja bħalha mit-terapija kienu jiktbulha biex jaqsmu magħha l-esperjenza tagħhom u biex juruha kemm kienu japprezzaw is-sinċerità tagħha.

Kienu wkoll jagħmlu kuraġġ lilha f'dak il-mument diffiċli. Għax bħalma jiġri lil ħafna minna, Nadia ndunat fuq min setgħet tafda tassew. F'dak li kien qisu t-testment tagħha, hija qalet: *"Għandi ħafna nies importanti f'ħajti f'dawn l-aħħar xhur imma dawk li jkunu hemm fl-iktar mumenti ta' bżonn, dawk tgħoddhom fuq id waħda. It-tbatija jew xi traġedja f'ħajtek turik anke din: min huma l-vera ħbieb, min iħobbok tassew, min hu grat lejk."*

Nadia intebħet li l-marda kienet biddlitha u li l-importanti mhux kemm tgħix imma kif tgħix. Baqgħet tqum filgħodu u titbissem lill-ħajja, anke meta kienet taf li jiemha kienu magħduda. Hija ħalliet f'qalb dawk li kienu jafuha jew li kienu jsegwuha messaġġ kbir ta' tama u ta' kuraġġ, biex ma jaqtgħu qalbhom qatt.

***Għal dawk li jemmnu, il-ħajja ma tintemmx imma bil-mewt tinbidel***

Jalla aħna wkoll, li nemmnu li l-mewt m'għandhiex l-aħħar kelma, inkunu kapaċi ngħixu l-ħajja fil-milja kollha tagħha. Jalla Kristu Rxoxt, rebbieħ fuq il-mewt, iqawwi fina t-tama Nisranija fil-qawmien sabiex bi kliemna u b'għemilna, inkunu xhieda tal-fatt li bil-mewt, għal dawk li jemmnu, il-ħajja ma tintemmx imma tinbidel.



# ID-DJARJU TAL-PARROĊĊA
# Ħal Safi - Novembru 2019

| | |
|---|---|
| Il-Ġimgħa 1 ta' Novembru | **Solennità tal-Qaddisin kollha**<br>***- L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar***<br>*Inqaddsu dan il-jum bis-sehem tagħna fil-quddiesa:*<br>Fis-7:30am - Quddiesa<br>Filgħodu - Tqarbin tal-Morda fi djarhom<br>Fis-5:45pm - Qrar<br>Fis-6:30pm - Quddiesa<br>Fis-7:00pm - Adorazzjoni |
| Is-Sibt 2 ta' Novembru | **L-Għid tal-Imwiet**<br>*Niftakru u nitolbu għal ħutna l-mejtin:*<br>Fis-7:00am - Quddiesa<br>Fit-7:45am - Quddiesa<br>Fis-6:30pm - Quddiesa li fiha niftakru b'mod partikulari f'ħutna li mietu matul din is-sena. |
| Il-Ħadd 3 ta' Novembru | Fl-4:00pm - Quddiesa u Tberik taċ-Ċimiterju.<br>*Ma jkollniex il-quddiesa tal-5.30pm* |
| It-Tnejn 4 ta' Novembru | Fis-6:30pm - Quddiesa b'suffraġju Tal-Kappillani u s-Saċerdoti mejtin. |
| It-Tlieta 5 ta' Novembru | Fis-6:30pm - Quddiesa b'suffraġju tal-Fratelli mejtin tar-Rużarju u tas-Sagrament. |
| Il-Ħadd 24 ta' Novembru | **Solennità ta' Kristu Sultan**<br>Fl-10:30am - Quddiesa bis-sagrament tal-Magħmudija<br>Fil-5:00pm - Ċelebrazzjoni Djoċesana. |




